

Brussell, 16 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10020/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0413(COD)**

**AGRI 260
FORETS 39
ENV 490
AGRILEG 95
CODEC 766
IA 65**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9629/25
Nru dok. Cion:	16086/23 + ADD 1-5
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL KUNSILL dwar qafas ta' monitoraġġ għal foresti Ewropej reżiljenti - <i>Approċċ ġenerali</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament dwar Qafas ta' Monitoraġġ għal Foresti Ewropej Reżiljenti. Din il-proposta tikkostitwixxi l-inizjattiva leġislattiva ewlenija mħabbra fl-"Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030", ippubblikata fl-2021.

2. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ għall-foresti ta' kwalità għolja, ġestita mill-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, li tkun ibbażata fuq data standardizzata jew armonizzata biex jiġi segwit il-progress fl-ilħuq tal-miri u l-oġettivi politiċi tal-UE fir-rigward tal-foresti (inkluż il-bijodiversità, il-klima u r-rispons għall-kriżijiet), biex jittejjbu l-valutazzjoni tar-riskju u t-tnejjija għalih, u biex jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza.
3. Il-Kummissjoni pproponiet li r-Regolament ikun ibbażat fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Proċedura Leġiżlattiva Ordinarka).
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat u ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Marzu 2024¹. Il-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li ma jöhroġx opinjoni.
5. Fil-Parlament Ewropew, il-fajl jiġi ttrattat mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) u mill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) skont il-proċedura b'kumitat konġunt. Ir-rapporteurs maħtura għall-fajl huma Emma Wiesner (Renew, SE) mill-Kumitat ENVI u Eric Sargiacomo (S&D, FR) mill-Kumitat AGRI. Fl-4 ta' Diċembru 2024, il-membri tal-Kumitati ENVI u AGRI kellhom skambju ta' fehmiet mal-Kummissjoni dwar il-proposta. Fit-13 ta' Jannar 2025, il-kumitati ENVI u AGRI organizzaw smiġh pubbliku konġunt dwar il-monitoraġġ tal-foresti. Fit-18 ta' Frar 2025, iż-żewġ kumitati ddiskutew l-abbozz ta' rapport tal-ko-rapporteurs. Fl-20 ta' Marzu 2025, il-kumitati ENVI u AGRI vvalutaw b'mod konġunt l-emendi mressqa dwar it-test. Il-votazzjoni fil-plenarja tal-PE hija prevista għal Settembru 2025.

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

6. Il-Presidenza Spanjola organizzat skambju ta' fehmiet dwar il-proposta fil-Kunsill "Ambjent" tat-18 ta' Diċembru 2023. Il-Presidenza Belġjana pprevediet skambju ta' fehmiet simili fil-Kunsill "Agricoltura u Sajd" tat-23 ta' Jannar 2024 u wara infurmat liż-żewġ konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, rispettivament, fil-25 ta' Marzu 2024 u fl-24 ta' Ġunju 2024, dwar il-progress li sar fl-eżami tal-proposta.

¹ 8498/24

7. Sabiex il-Kunsill ikun jista' jindirizza b'mod effettiv il-kwistjonijiet transsettorjali koperti minn din il-proposta leġiżlattiva, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti stabbilixxa grupp ta' ħidma ad hoc dwar il-monitoraġġ tal-foresti (AHWP FM) fis-17 ta' Jannar 2024. L-AHWP FM jirrapporta lill-konfigurazzjoni "Agrikoltura u Sajd" tal-Kunsill u, fuq bażi regolari, lill-konfigurazzjoni "Ambjent" tal-Kunsill.
8. Bi tkompli tal-ħidma komprensiva li saret taħt il-Presidenza Belġjana, il-Presidenza Ungeriża kompliet id-diskussjonijiet tekniċi fl-AHWP FM. L-ewwel test ta' kompromess tal-Presidenza nħareġ f'Ottubru 2024². Madankollu, maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet talbu diskussjoni strateġika fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel ma daħlu f'diskussjonijiet dettaljati dwar it-test ta' kompromess tal-Presidenza li ġie propost.
9. Fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Novembru 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddiskuta l-oġġettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, il-valur miżjud tagħha u t-tip ta' strument li jkun l-aktar xieraq biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi, bl-għan li jipprovdi gwida dwar it-triq 'il quddiem għal dan il-fajl.
10. F'dik il-laqgħa tal-Kumitat, il-Kummissjoni spjegat li l-proposta tibni fuq il-monitoraġġ eżistenti tal-foresti tal-Istati Membri mingħajr ma tintroduċi duplikazzjonijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li l-valur miżjud tal-proposta jkun fl-akkuratezza u l-komparabbiltà tad-data dwar il-foresti fil-livell tal-UE, li jiffaċilita l-monitoraġġ tax-xejriet maż-żmien u jgħin biex jiġi żgurat li l-miri klimatiċi u l-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali biex titwaqqaf id-deforestazzjoni jintlaħqu b'mod kollettiv. Data dwar il-foresti li tkun ta' kwalità u komparabbli tgħin ukoll biex issostni t-tfassil tal-politika - inkluż f'oqsma ekonomiċi relatati mal-foresti bħall-bijoekonomija - u tipprovdi fehim aħjar tal-ħtiġijiet għal azzjoni kollettiva b'rispons għall-isfidi relatati mal-foresti, speċjalment dawk ikkawżati mit-tibdil fil-klima.

² 13702/24 u 13119/24 ADD 1

11. B'rispons għall-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet qablu li hemm valur fl-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tad-data dwar il-foresti fil-livell tal-UE. Madankollu l-maġġoranza tad-delegazzjonijiet saħqu li jenħtieġ li l-proposta tiġi ssimplifikata, u li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jiġi ristrett f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà biex b'hekk jiffoka fuq għadd iżgħar ta' indikaturi ewlenin għall-ġbir tad-data dwar il-foresti b'valur miżjud ċar. Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet stqarru wkoll li huma favur approċċ minn isfel għal fuq, li jibni fuq l-armonizzazzjoni tad-data li diġà nġabret mill-inventarji nazzjonali tal-foresti (NFIs), u allinjament aħjar mal-obbligi ta' rappurtar diġà eżistenti ta' data dwar il-foresti. Barra minn hekk, il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet ikkonfermaw li regolament jista' jkun strument xieraq biex jintlaħqu l-oġettivi proposti.
12. Il-ħidma teknika mbagħad kompliet fil-livell tal-gruppi ta' ħidma u l-Prezidenza Ungeriża ppreżentat rapport ta' progress dwar il-proposta lill-Kunsill AGRIFISH fid-9 ta' Diċembru 2024³.
13. Il-ħidma teknika kompliet matul il-Prezidenza Pollakka b'sitt laqgħat tal-AHWP FM li fuqhom il-Prezidenza Pollakka bbażat l-elaborazzjoni ta' diversi abbozzi ta' testi ta' kompromess. Ir-raba' reviżjoni tal-abbozz ta' test ta' kompromess tal-Prezidenza ġiet diskussa fl-AHWP FM fl-4 ta' Ġunju 2025.

³ 16255/24

14. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar dan l-abbozz ta' test ta' kompromess rivedut tal-Presidenza li, fil-fehma tagħha, jipperikola l-kisbiet tal-objettivi tal-proposta u l-valur miżjud tagħha. Il-Kummissjoni tqis li l-integrazzjoni tad-data tat-telerilevament mad-data miġbura fuq il-post hija essenzjali u għalhekk it-tħassir tal-indikaturi li għandhom jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni permezz tal-Osservazzjoni tad-Dinja (jew mill-Istati Membri jekk jagħżlu hekk), ta' kwalunkwe mmappjar u ta' kondiviżjoni tad-data miġbura fuq il-post mill-Istati Membri jċaħħad il-proposta mill-valuri miżjuda ewlenin tagħha, jiġifieri li tittejjeb il-kwalità ġenerali tad-data dwar il-foresti u li jiġu prodotti mapep tal-foresti akkurati fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni ssottolinjat ukoll li, permezz tat-tħassir tal-indikaturi kollha relatati mar-reżiljenza, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jonqos milli javvanza l-monitoraġġ f'ħin reali tal-impatti klimatiċi fuq il-foresti tal-UE. Il-Kummissjoni indikat ukoll li t-tħassir tal-frekwenza standardizzata tal-monitoraġġ jaffettwa l-affidabbiltà tad-data miġbura dwar il-foresti.
15. Żewġ delegazzjonijiet appoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni mill-bidu u kienu jippreferu li l-abbozz ta' test ta' kompromess tal-Presidenza jirrifletti ħafna aktar mid-dispożizzjonijiet proposti mill-Kummissjoni. Madankollu, maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet esprimew appoġġ kontinwu għall-bidliet issuġġeriti mill-Presidenza.
16. Fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina l-abbozz ta' test ta' kompromess tal-Presidenza u qabel li jħassar l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta att delegat fl-Artikolu 7(5) kif mitlub minn diversi delegazzjonijiet matul il-laqgħa. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza kif emendat u qabel li jgħaddih lill-Kunsill u li jstieden lil dan tal-aħħar jilħaq approċċ ġenerali dwar dan it-test fil-laqgħa tiegħu tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2025.

III. ELEMENTI EWLENIN TAT-TEST TA' KOMPROMESS

Simplifikazzjoni u approċċ minn isfel għal fuq

17. Sa mill-bidu nett tal-eżami tal-proposta, tħassib kbir għall-maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet kien l-iskop eżatt tal-ġbir ta' diversi tipi ta' data dwar il-foresti abbażi tal-indikaturi li jinsabu fl-Annessi I sa III. Għadd kbir ta' delegazzjonijiet iqisu li xi indikaturi ma ġewx żviluppati biżżejjed (f'termini ta' metodoloġija, preċiżjoni, akkuratizza, frekwenza u speċjalment il-kostijiet addizzjonali mistennija), anke jekk huwa propost li aktar tard isir irfinar ulterjuri b'atti delegati jew ta' implimentazzjoni. Huma jqisu wkoll li jidher li xi indikaturi huma aktar orjentati lejn ir-riċerka u għalhekk jenħtieġ li ma jsirux obligatorji f'dan l-istadju.
18. B'rispons, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni indikaw it-Tabella 21 tal-Valutazzjoni tal-Impatt, li tagħti stampa ġenerali tal-indikaturi u l-parametri inklużi fil-proposta, marbuta mal-oġġettivi politiċi previsti. Aktar minn hekk, fl-AHWP FM tal-5 ta' Marzu 2025, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni ppreżentaw tliet tabelli li fihom spjegazzjonijiet dettaljati ulterjuri⁴ dwar ir-rabtiet ma' atti leġislattivi eżistenti oħra u dwar il-valur miżjud tal-indikaturi li jinsabu fil-proposta.
19. Madankollu, il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet ma kinux konvinti mill-ispeġġazzjonijiet mogħtija mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u komplew jitolbu simplifikazzjoni u jenfasizzaw li "approċċ minn isfel għal fuq" ikun aktar xieraq, jiġifieri li jenħtieġ li l-monitoraġġ tax-xejriet fil-livell nazzjonali jkun il-punt tat-tluq għat-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE.
20. Bi tweġiba għat-tħassib ta' hawn fuq, il-Presidenza introduċiet paragrafu ġdid fl-Artikolu 7 u Anness IIIa ġdid li jinkludi indikaturi tal-foresti diġà rrapportati mill-Istati Membri skont atti leġislattivi oħra tal-UE u sistemi ta' rappurtar internazzjonali oħra. Barra minn hekk, huwa propost li l-Kummissjoni tiġbor u tagħmel l-informazzjoni dwar il-foresti miġbura skont l-Anness IIIa l-ġdid aċċessibbli għall-pubbliku permezz tas-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Foresti għall-Ewropa (FISE).

⁴ WK 2138/2025 + ADD 1-2

Telerilevament u mmappjar

21. Matul l-eżami tal-proposta, ħafna delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar l-akkuratezza u l-affidabbiltà tad-data miksuba mit-telerilevament. Dawn id-delegazzjonijiet qajmu wkoll dubji ir-rekwiżiti proposti għall-immappjar, li fil-fehma tagħhom il-finijiet tiegħu mhumiex dejjem ċari u t-twettiq tiegħu jinvolvi ammont sostanzjali ta' xogħol u kostijiet għoljin li mhumiex riflessi għalkollox fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta. Huma jindikaw li, anki jekk it-telerilevament jintuża bħala l-ewwel soluzzjoni standard, l-immappjar li jirriżulta mit-telerilevament xorta waħda jeħtieġ jiġi vverifikat u kkoreġut permezz ta' ġbir ta' data fuq il-post. Dawn id-delegazzjonijiet iqisu li, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, jenħtieġ li l-immappjar jibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri, li jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jiżviluppaw is-soluzzjonijiet kosteffettivi l-aktar adatti għall-ispeċifità tagħhom. Biex jittieħed kont tat-tħassib ta' hawn fuq, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jneħħi l-Anness I u l-Artikolu 6 u jċaqlaq l-enfasi tal-ġbir tad-data dwar il-foresti lejn sorsi nazzjonali u l-indikaturi inklużi fl-Anness II.

Anness II estiż – data miġbura mill-Istati Membri

22. Il-maġġoranza tal-Istati Membri enfasizzaw li jenħtieġ li s-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti tal-UE tkun ibbażata fuq id-data nazzjonali eżistenti miksuba minn diversi sorsi. Għalhekk, fit-test ta' kompromess tagħha, il-Presidenza tipproponi li testendi l-Anness II biex jinkludi indikaturi miġbura mill-Istati Membri li jistgħu jappoġġaw il-monitoraġġ tal-foresti f'konformità mal-obiettivi tal-proposta u jipprovdu informazzjoni dwar il-foresti li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fil-livell tal-UE.

Tħassir tal-indikaturi addizzjonali fl-Anness III

23. Għadd kbir ta' delegazzjonijiet talbu li jitħassru l-indikaturi addizzjonali li jinsabu fl-Anness III, bl-argument li l-valur miżjud tagħhom ma ntweriex biżżejjed. Bi tweġiba għal din it-talba, il-Presidenza, fit-test ta' kompromess tagħha, tipproponi t-tħassir tal-Artikolu 8 u l-Anness III.

Bażi għall-ġbir tad-data dwar il-foresti; il-kunċett ta' "unità forestali"

24. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi l-identifikazzjoni u l-lokalizzazzjoni tal-unitajiet forestali bħala l-bażi biex tinkiseb koerenza għad-data miġbura dwar il-foresti, b'tali mod li l-bidliet fil-kopertura u l-karatteristiċi tal-foresti jkunu jistgħu jiġu ttraċċati maż-żmien. Madankollu, ħafna Stati Membri esprimew tħassib dwar is-sistema ta' identifikazzjoni tal-unitajiet forestali, jiġifieri l-valur miżjud mhux ċar tal-kunċett, l-isfidi fl-interpretazzjoni ta' unitajiet forestali, kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data, u l-inċertezzi dwar kif l-unitajiet forestali jistgħu jevolvu maż-żmien. Barra minn hekk, mhux l-Istati Membri kollha għandhom sistema nazzjonali ta' unitajiet forestali, b'hekk sistema bħal din ma tistax tintuża f'approċċ minn isfel għal fuq fl-UE kollha. B'rispons għal dan it-tħassib, il-Presidenza, fit-test ta' kompromess tagħha, neħħiet is-sistema ta' identifikazzjoni tal-unitajiet forestali.

Armonizzazzjoni tad-data u r-rwol tal-ENFIN

25. Ħafna delegazzjonijiet indikaw li jenħtieġ li l-armonizzazzjoni tad-data ssir mill-Istati Membri nfushom, bl-appoġġ tan-Netwerk Ewropew tal-Inventarji Nazzjonali tal-Foresti (ENFIN). Madankollu, xi delegazzjonijiet jippreferu li dan il-proċess jiġi ġestit mill-Kummissjoni. Biex tindirizza dawn il-fehmiet diverġenti, il-Presidenza introduċiet artikolu ġdid (l-Artikolu 5a) li jiċċara r-responsabbiltà għall-armonizzazzjoni tad-data. Il-format predefinit tal-iskambju tad-data u l-proċess ta' kondiviżjoni tad-data ser jiġu stabbiliti b'att ta' implimentazzjoni ġdid.
26. B'kont meħud tal-istatus attwali tal-ENFIN u r-rwol tal-Istati Membri fl-iżvilupp tiegħu, il-Presidenza tippromponi wkoll li fil-preambolu tiġi inkluża referenza għall-kooperazzjoni mal-ENFIN. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 5a(2) jippermettu lill-ENFIN jgħin lill-Istati Membri fil-proċess ta' armonizzazzjoni.

Pjanijiet nazzjonali integrati fit-tul għall-foresti

27. Il-maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet ma jaqblux mal-proposta ta' pjanijiet nazzjonali integrati fit-tul għall-foresti, lanqas fuq bażi volontarja. Huma jqisu li l-objettivi ta' dawn il-pjanijiet nazzjonali mhumiex ċari u li, b'applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jenħtieġ li l-pjanijiet u/jew l-istrategġji nazzjonali għall-foresti jibqgħu kompetenza tal-Istati Membri. B'rispons għal dan it-tħassib, il-Presidenza ħassret dawn id-dispożizzjonijiet (l-Artikolu 13 u l-Anness IV) fit-test ta' kompromess tagħha.

IV. KONKLUŻJONI

28. Il-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) mistieden jilħaq approċċ ġenerali dwar it-test ta' kompromess tal-Presidenza li jinsab fl-Anness ta' din in-nota fil-laqgħa tiegħu tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2025.

2023/0413 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar qafas ta' monitoraġġ għal foresti Ewropej reżiljenti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) Il-foresti u art imsaġġra oħra jkopru kważi nofs is-superfiċje tal-art tal-Unjoni u jaqdu rwol ewlieni fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima, fil-preservazzjoni u fir-restawr tal-bijodiversità, fl-iżgurar ta' bijoekonomija b'saħħitha bbażata fuq il-foresti u ż-żoni rurali prosperi, fil-preservazzjoni tal-wirt kulturali, kif ukoll fl-għoti ta' opportunitajiet rikreattivi u edukattivi għall-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-foresti jipprovdu servizzi vitali tal-ekosistema bħar-regolazzjoni tal-klima, il-purifikazzjoni tal-arja, il-provvista u r-regolazzjoni tal-ilma, il-kontroll tal-ġhargħar u tal-erożjoni, habitat għall-bijodiversità, u riżorsi ġenetiċi. Ekosistemi tal-foresti f'saħħithom u ġestiti b'mod sostenibbli jappoġġaw lil parti sinifikanti tal-bioekonomija fl-Unjoni, jipprovdu l-materja prima (injam u materjal mhux tal-injam bħall-ikel u l-pjanti mediċinali) għal diversi setturi, bil-ktajjen tal-valur estiżi bbażati fuq il-foresti bħalissa jappoġġaw 4.5 miljun impjeg fl-Unjoni.

(1a) Barra minn hekk, l-art forestali hija wieħed mill-kontributori ewlenin għall-bir ta' karbonju tal-Unjoni u jenħtieġ li jkollha rwol essenzjali fl-għanijiet tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-adattament għalih, filwaqt li jiġu ssodisfati l-impenji tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")³, inkluż l-obnettiv tal-Unjoni li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, u tal-pakkett leġislativ "Lesti għall-mira ta' 55 %", b'mod partikolari l-obbligi l-ġodda ta' monitoraġġ introdotti mir-Regolament (UE) 2018/1999 rivedut tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ fir-rigward tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament LULUCF")⁵. L-art forestali hija soġġetta wkoll għal obbligi oħra, bħal dawk relatati mal-protezzjoni tal-ispeċijiet u tal-ħabitats skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁶, mad-deforestazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament dwar id-Deforestazzjoni")⁷, [ir-restawr tan-natura fir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸] u mal-enerġija rinnovabbli skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva dwar l-

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj>.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328 21.12.2018, p. 1) ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj>

⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj>).

⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1115/oj>).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj>).

Enerġija Rinnovabli")⁹. Il-foresti u l-forestrija huma wkoll kruċjali biex jinkisbu prijoritajiet ewlenin bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida¹⁰ jew l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija¹¹.

- (2) Madankollu, nixfiet bla preċedent, tifqigħat tal-ħanfusa tal-qoxra tas-siġar u nirien fis-selvaġġ ikkawżati mit-tibdil fil-klima diġà kkawżaw mewt sinifikanti tas-siġar u telf temporanju tal-foresti f'bosta Stati Membri f'dawn l-aħħar snin. Il-frekwenza u s-severità tal-estremitajiet klimatiċi u tat-temp mistennija jkomplu jiżdiedu. Sehem kbir tal-foresti tal-Unjoni huwa vulnerabbli għall-effetti tagħhom, b'konsegwenzi negattivi għas-sidien tal-foresti, għall-industriji bbażati fuq il-foresti u għall-ktajjen tal-valur, għall-għajxien rurali u għall-bijodiversità tal-foresti, li jaffettwa b'mod negattiv il-kapaċità tal-foresti li jipprovdu servizzi vitali tal-ekosistema li fuqhom jiddependu l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-bijoeconomija fl-Unjoni. Riskji bħan-nirien fis-selvaġġ u t-tifqigħat ta' pesti huma ta' natura transkonfinali u qed jiżdiedu bit-tibdil fil-klima. Dan iwassal għal kostijiet ogħla biex jittrażżnu u jikkontribwixxi għall-volatilità tas-suq tal-injam. Il-foresti Ewropej diġà qed ibatu l-impatti ekonomiċi ta' madwar EUR 1.5 biljun fis-sena min-nirien forestali, filwaqt li huwa mbassar li ż-żieda fit-temperaturi ser tnaqqas il-valur tal-art forestali b'diversi mijiet ta' biljuni ta' euro sa tmiem is-seklu, minħabba f'bidliet fil-kompożizzjoni tal-ispeċijiet.

⁹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj>).

¹⁰ Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida Sbuħija, Sostenibbiltà, Flimkien (COM(2021) 573 final).

¹¹ Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoeconomija għall-Ewropa (COM/2012/060 final).

- (3) L-indirizzar ta' dawk ix-xejriet negattivi u t-theddiet, billi jiġi żgurati li l-foresti fl-Unjoni jkunu jistgħu jkomplu jwettqu d-diversi funzjonijiet tagħhom fi klima li qed tinbidel, u l-preservazzjoni tal-ekosistemi tal-foresti bħala wirt naturali jeħtieġu tisħiħ fil-prevenzjoni tad-diżastri fil-foresti, fit-tnejn, ir-rispons u l-irkupru wara d-diżastri, it-tisħiħ tal-bijodiversità biex tittejjeb ir-reżiljenza tal-foresti għall-impatti kkawżati mill-klima, kapaċità aktar b'saħħitha għall-ġestjoni tar-riskji u approċċi adattivi ta' ġestjoni tal-foresti.
- (4) L-Istati Membri, is-sidien tal-foresti u l-Unjoni jistgħu jieħdu l-azzjonijiet xierqa biss jekk ikollhom data u informazzjoni dwar il-foresti li jkunu koerenti, affidabbli, f'waqthom, kumparabbli u ta' kwalità għolja. Għal dak il-għan, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ għall-foresti fl-Ewropa kollha biex tinġabar u tinqasam l-informazzjoni armonizzata dwar il-foresti. Jenħtieġ li jittieħed vantaġġ sħiħ mis-sistemi nazzjonali eżistenti ta' monitoraġġ biex jiġu evitati d-duplikazzjoni u piż amministrattiv addizzjonali. Sistema bħal din tista' tikkontribwixxi għal fehim aħjar tax-xejriet speċifiċi li jaffettwaw lill-foresti u tappoġġa l-isforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-foresti, fosthom l-identifikazzjoni ta' riskji u ħsarat potenzjali u r-rispons għalihom fil-ħin.
- (5) [...]
- (6) [...]
- (7) Il-maġġoranza tad-data dwar il-foresti fil-livell nazzjonali nġabret permezz tal-inventarji nazzjonali tal-foresti. Storikament, l-enfasi ewlenija kienet fuq il-kundizzjoni tal-foresti u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-injam, iżda f'dawn l-aħħar deċennji ġew inklużi dejjem aktar funzjonijiet oħra tal-foresti. In-network ENFIN jista' jikkontribwixxi għad-disponibbiltà ta' data ta' kwalità kumparabbli fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha. Inġenerali jenħtieġ li l-monitoraġġ attwali tal-foresti fl-Unjoni jkompli jiżviluppa lejha sistema aktar armonizzata, ibbażata fuq approċċ gradwali minn isfel għal fuq permezz tal-Inventarji Nazzjonali tal-Foresti (NFIs) u n-network rilevanti tagħhom, biex jiġu żgurati għbir ta' data u kondiviżjoni tad-data sistematiki f'konformità mad-deskrizzjonijiet komuni u serje kronoloġiċi twal u kumparabbli.

- (7a) L-NFIs ilhom isiru għal għexieren ta' snin f'ħafna Stati Membri u jikkostitwixxu sors ta' data stabbilit sew, xjentifikament robust u vverifikat fuq il-post dwar l-istat u l-iżvilupp tal-foresti. Għalhekk jenħtieġ li d-data tal-NFIs isservi bħala referenza ewlenija u pedament għall-monitoraġġ tal-foresti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġu żgurati l-konsistenza, l-affidabbiltà u l-komparabbiltà tal-informazzjoni maż-żmien.
- (8) [...]
- (9) [...]
- (10) [...]
- (11) F'dak il-kuntest jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ għall-foresti f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, abbażi ta' żewġ elementi li jenħtieġ li gradwalment isiru operazzjonali: qafas għall-ġbir ta' data dwar il-foresti u qafas ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-foresti. Jenħtieġ li s-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti tippermetti l-ġbir ta' data mill-Istati Membri biex jagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni, ibbażata, fejn disponibbli, fuq is-sistemi diġà eżistenti tagħhom, inkluż l-NFIs, l-Osservazzjoni tad-Dinja u sorsi rilevanti oħra. L-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà meta jagħżlu s-sorsi tad-data dwar il-foresti għall-finijiet ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE u meta jfasslu u jimmaniġġaw is-sistemi nazzjonali tagħhom ta' monitoraġġ għall-foresti. Jenħtieġ li s-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti tirrispetta l-prinċipji stabbiliti mill-aħħar Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà¹².
- (12) [...]
- (13) [...]
- (14) [...]

¹² Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tat-23.3.2017 - Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni (COM(2017)134 final).

- (15) Bil-ħsieb li jitnaqqsu l-kostijiet u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-foresti, jenħtieġ li l-qafas ta' kondivizzjoni [...] ta' informazzjoni dwar il-foresti jiżgura li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħmlu din l-informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż fis-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Foresti għall-Ewropa. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jużaw is-sistemi eżistenti tagħhom għall-ġbir ta' data u jwettqu l-armonizzazzjoni tal-informazzjoni dwar il-foresti.
- (15a) Sabiex tinbena sistema flessibbli ta' monitoraġġ għall-foresti u jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li l-Kummissjoni twettaq il-proċess ta' armonizzazzjoni li jiżgura s-salvagwardji stretti kollha meħtieġa għall-kunfidenzjalità tad-data pprovduta. L-Istati Membri ser ikunu jistgħu jagħtu lill-Kummissjoni l-mandat biex issegwi l-iżvilupp tagħhom f'isimhom.
- (15b) Huwa xieraq li titqies is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, kif elenkati fl-Artikolu 349 TFUE. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għar-reġjuni ultraperiferiċi minħabba l-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn it-territorji, bħad-distanza, l-insularità, it-topografija diffiċli u l-klima tagħhom. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jikkonformaw volontarjament ma' xi wħud mill-obbligi, jew kollha kemm huma, tal-ġbir tad-data u tal-informazzjoni dwar il-foresti ta' dan ir-Regolament fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 TFUE.

- (15c) Biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-atti leġislattivi oħra tal-Unjoni relatati mal-foresti, jenħtieġ li s-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti tinkludi l-informazzjoni disponibbli dwar il-foresti rrapportata mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1991 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869, ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontinwazzjoni ekonomika ambjentali Ewropej, ir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-governanza tal-unjoni tal-enerġija u tal-azzjoni klimatika, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1737/2006 dwar il-monitoraġġ tal-foresti u l-interazzjonijiet ambjentali fil-Komunità. Huwa importanti li tiġi żgurata l-effiċjenza tas-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti billi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-foresti titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fil-FISE.
- (15d) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal siti militari u data dwar il-foresti li hija protetta għal raġunijiet ta' sigurtà jew difiża nazzjonali.
- (16) [...]
- (17) Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE), adottata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998, li l-Unjoni hija parti għaliha, billi jtejjeb id-disponibbiltà, it-trasparenza u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni ambjentali relatata mal-foresti.
- (18) Sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tas-sistemi tal-ħżin u l-iskambju tad-data għall-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data dwar il-foresti fl-ambitu tas-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkooperaw, anke billi jinvolvu lil korpi speċjalizzati. Din il-kooperazzjoni tista' ssir fil-Kumitat Forestrarju Permanenti stabbilit bid-Deċiżjoni [X/X] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³.

¹³ Id-Deċiżjoni (UE) X/X tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE li tistabbilixxi il-Kumitat Forestrarju Permanenti (ĠU...)

- (19) Jenħtieġ li s-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti tiżgura li l-informazzjoni kondiviża tkun affidabbli u verifikabbli. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura u tal-informazzjoni kondiviża dwar il-foresti fl-ambitu tas-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti.
- (20) Sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati fil-monitoraġġ tal-foresti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u fost l-Istati Membri, biex jittejjbu l-kwalità, il-puntwalità u l-kopertura tal-armonizzazzjoni tad-data dwar il-foresti u tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Jenħtieġ li l-qafas ta' kooperazzjoni jkun inklużiv u bbażat fuq ix-xjenza, u jenħtieġ li jkollu l-għan li jkompli jtejjeb l-affidabbiltà tal-parir xjentifiku u l-kwalità u l-kopertura tal-informazzjoni, b'hekk jiffaċilita l-iskambju tal-għarfien u tal-prattika tajba. Jenħtieġ li dak il-qafas jiżgura l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-oġettivi politiċi differenti li jirriflettu l-multifunzjonalità tal-foresti, kif ukoll tal-esperti indipendenti f'konformità mad-Deċiżjoni [X/X] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴. Għall-implimentazzjoni ta' dan il-qafas ta' kooperazzjoni, jenħtieġ li kull Stat Membru jaħtar korrispondenti nazzjonali u jinforma lill-Kummissjoni; jenħtieġ li l-korrispondenti nazzjonali jkunu l-punti fokali ewlenin għal kwalunkwe attività relatata mas-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jużaw ukoll l-istrutturi reġjonali eżistenti ta' kooperazzjoni istituzzjonali, inkluż dawk fl-ambitu ta' Konvenzjonijiet reġjonali u fora u proċessi rilevanti oħra għall-foresti.
- (21) [...]

¹⁴ Id-Deċiżjoni (UE) X/X tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE li tistabbilixxi il-Kumitat Forestrarju Permanenti (ĠU...).

- (22) [...]
- (23) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-regoli u l-proċeduri tekniċi għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u għall-format tal-iskambju tad-data, għal finijiet ta' armonizzazzjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵.
- (24) Jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm dan ir-Regolament taħt rieżami, filwaqt li tqis l-iżviluppi rilevanti li jikkonċernaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni, l-oqfsa internazzjonali u l-progress teknoloġiku u xjentifiku u l-ħtiġijiet ta' monitoraġġ addizzjonali. Jenħtieġ li r-rieżami jivvaluta wkoll il-kwalità tal-armonizzazzjoni tad-data. Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tiegħu.
- (24a) Fil-kuntest tar-rieżami, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-potenzjal li qed jevolvi tat-teknoloġiji ta' Osservazzjoni tad-Dinja u d-data in situ relatata mal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, kif ukoll lir-reżiljenza tal-foresti bħall-kompożizzjoni u t-taħlit tal-ispeċijiet ta' siġar, l-arranġament tas-siġar u komponenti oħra, id-disturbi fil-foresti u s-sekwestru tal-karbonju. Jenħtieġ li jiġu evalwati wkoll il-ħtiġijiet ta' emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-informazzjoni diġà inkluża fir-Regolament. Jenħtieġ li kwalunkwe żvilupp futur ikun kosteffettiv, xjentifikament robust u komplementari għas-sistemi nazzjonali eżistenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet neċessarji ta' armonizzazzjoni jew standardizzazzjoni.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (24b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul it-tnejjija tar-rieżami, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni tista' tistabilixxi grupp ta' esperti għal dan l-għan. L-istedina lill-grupp ta' esperti tista' tiġi estiża lill-ENFIN, strutturi ta' kooperazzjoni istituzzjonali reġjonali u korpi internazzjonali kull meta jkun rilevanti, lil ICP Forests. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-proċess ta' rieżami, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu infurmati regolament dwaru.
- (24c) Il-Programm Copernicus, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696¹⁶, jagħti aċċess miftuħ u liberu għad-data ta' Osservazzjoni tad-Dinja, inkluż data satellitari, li għandha rwol kruċjali fl-appoġġ għall-monitoraġġ tal-foresti u l-ġestjoni tar-riskju, bħal fir-rigward tan-nirien fis-selvaġġ, in-nixfiet, jew it-tifqigħat ta' pesti. Id-data mit-telerilevament magħmula disponibbli permezz ta' Copernicus tikkontribwixxi għal teħid ta' deċiżjonijiet aktar f'waqtu u infurmat fil-politika dwar il-foresti fl-Unjoni kollha. F'dak il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jikkooperaw mal-Kummissjoni billi jipprovdu data dwar il-foresti in situ biex jikkalibraw l-informazzjoni mit-telerilevament, li jagħti spinta lill-iżvilupp tal-Programm Copernicus.
- (25) Il-foresti fl-Unjoni Ewropea u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti huma kruċjali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għall-oġġettivi tiegħu. L-Unjoni għandha firxa ta' kompetenzi li jistgħu jkunu relatati wkoll mal-foresti, bħall-klima, l-ambjent, l-iżvilupp rurali u l-prevenzjoni tad-diżastri. L-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu żgurati kwalità għolja u komparabbiltà tal-informazzjoni dwar il-foresti kondiviża fl-Unjoni u li jiġu promossi l-isforzi tal-Istati Membri għas-salvagwardja u ż-żamma tal-multifunzjonalità u r-reżiljenza tal-foresti fl-Unjoni Ewropea li ma jistgħux jintlaħqu b'mod individwali biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom, u minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, dawk l-oġġettivi jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi,

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi għall-Unjoni qafas ta' monitoraġġ għall-foresti billi jipprevedi regoli:
 - (a) li jikkontribwixxu għall-puntwalità, l-akkuratezza, il-konsistenza, it-trasparenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni dwar il-foresti fl-Unjoni u l-aċċessibbiltà pubblika tagħha;
 - (b) [...]
 - (c) li jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-foresti.

(c ġdid) li jqisu s-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-ġbir u l-aċċess ta' informazzjoni armonizzata għall-appoġġ ta':
 - (d) l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti u s-servizzi tagħhom, is-salvagwardja u l-iżvilupp ta' foresti multifunzjonali u reżiljenti, inkluż fir-rigward ta':

- (a) l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;
 - (b) il-bijodiversità;
 - (c) il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri;
 - (d) is-saħħa tal-foresti;
 - (e) l-użu tal-bijomassa forestali għal finijiet soċjoekonomiċi differenti;
 - (f) [...]
- (e) iż-żieda fir-reżiljenza tal-foresti kontra n-nirien fis-selvaġġ, il-pesti, in-nixfiet u disturbi oħrajn.
- 2a. Dan ir-Regolament ma japplikax għal siti militari u data dwar il-foresti li huma protetti għal raġunijiet ta' sigurtà jew difiża nazzjonali.
- 2b. Dan ir-Regolament ma japplikax għar-reġjuni ultraperiferiċi.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) [...]
- (2) [...]
- (3) [...]
- (4) "data dwar il-foresti" tfisser data primarja mhux ipproċessata, bħal data in situ jew immaġnijiet ta' telerilevament;

- (5) "Osservazzjoni tad-Dinja" tfisser il-ġbir ta' data dwar is-sistemi fiżiċi, kimiċi u bijoloġiċi tad-Dinja permezz ta' teknoloġiji ta' telerilevament bħal satelliti jew pjattaformi fl-ajru li jgħorru immaġnijiet jew sensuri oħrajn;
- (6) "foresta" tfisser foresta skont it-tifsira tad-definizzjoni tal-Valutazzjoni tar-Riżorsi tal-Foresti Dinjija (FRA) tad-definizzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura fl-aktar verżjoni aġġornata tagħha u fin-noti ta' spjegazzjoni tagħha, bl-esklużjoni tan-nota ta' spjegazzjoni 9¹⁷;
- (7) "art imsagħra oħra" tfisser art għajr foresta, skont it-tifsira tad-definizzjoni tal-Valutazzjoni tar-Riżorsi tal-Foresti Dinjija (FRA) tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura fl-aktar verżjoni aġġornata tagħha u fin-noti ta' spjegazzjoni tagħha;
- (8) "armonizzazzjoni" tfisser proċess li juża d-data disponibbli miġbura permezz ta' sistemi ta' monitoraġġ differenti biex tinkiseb informazzjoni komparabbli dwar il-foresti fil-livell tal-Unjoni f'konformità ma' deskrizzjoni ta' referenza miftiehma;
- (9) [...]
- (10) "data in situ" tfisser data miġbura fuq il-post permezz ta' network ta' siti ta' monitoraġġ, bħal dawk li jintużaw għal inventarji forestali nazzjonali, li jsegwu protokoll nazzjonali standardizzati.
- (10a) "informazzjoni dwar il-foresti" tfisser data dwar il-foresti pproċessata, strutturata u aggregata relatata mal-istat tal-foresti u l-użu tagħhom.

¹⁷ FAO, 2025. Valutazzjoni tar-Riżorsi tal-Foresti Dinjija 2025. Termini u Definizzjonijiet FRA 2025. Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO). Dokument ta' Ħidma Nru 194 dwar il-Valutazzjoni tar-Riżorsi tal-Foresti.

KAPITOLU 2

MONITORAĠĠ TAL-FORESTI

Artikolu 3

Sistema ta' monitoraġġ għall-foresti

1. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11, tistabbilixxi u topera sistema ta' monitoraġġ għall-foresti li tinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (a) [...]
 - (b) qafas għall-ġbir tad-data dwar il-foresti, kif stipulat fl-Artikolu 5;
 - (c) qafas għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-foresti, kif stipulat fl-Artikolu 7.

2. Is-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti għandha tikkonsisti f'bażijiet tad-data elettroniċi u għandha tippermetti lill-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju u l-integrazzjoni tal-informazzjoni dwar il-foresti ma' bażijiet tad-data elettroniċi oħra.

Is-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti għandha tiżgura l-ġbir regolari u sistematiku tad-data dwar il-foresti stipulat f'dan ir-Regolament permezz ta' wieħed jew aktar mis-sorsi li ġejjin:

 - (a) data dwar il-foresti mill-Osservazzjoni tad-Dinja abbażi ta' ortoimmagni fl-ajru jew fl-ispazju, mis-satelliti ta' Copernicus jew minn sistemi ekwivalenti oħrajn;
 - (b) data in situ permezz ta' network ta' siti ta' monitoraġġ;
 - (c) sorsi rilevanti oħra.

3. Il-Kummissjoni tista' tfittex l-assistenza ta' strutturi reġjonali eżistenti ta' kooperazzjoni istituzzjonali, inkluż dawk fil-qafas ta' Konvenzjonijiet reġjonali u fora u proċessi rilevanti oħra marbuta mal-foresti, biex tiffaċilita l-istabbiliment u t-tħaddim tas-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti u biex tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri pariri tekniċi dwar il-monitoraġġ tal-foresti.
4. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti, inkluż fl-iżvilupp u fit-tħaddim tas-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Foresti għall-Ewropa (FISE).
5. Il-Kummissjoni għandha tikkondividi d-data tal-Osservazzjoni tad-Dinja li tipproduċi mingħajr ħlas mal-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti għas-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti jew mal-fornituri ta' servizzi awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet biex jirrappreżentawhom.

Artikolu 4

Sistema ta' identifikazzjoni ġeografikament espliċita għall-unitajiet forestali

[...]

Artikolu 5

Qafas għall-ġbir tad-data dwar il-foresti

1. Il-qafas għall-ġbir ta' data dwar il-foresti għandu jkun operazzjonali sa [*OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], fir-rigward tal-ġbir ta' data dwar il-foresti msemmi fil-paragrafu 3 f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fl-Anness II.
2. [...]
3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar il-foresti li ġejja:
 - (a) iż-żona forestali;
 - (aa) it-tip ta' foresta;
 - (ab) art imsaġġra oħra;
 - (ac) il-bijomassa tal-wiċċ;
 - (b) il-volum ta' injam wieqaf;
 - (c) l-inkrement annwali nett;
 - (d) [...]
 - (e) il-kompożizzjoni u r-rikkezza tal-ispeċijiet tas-siġar;
 - (f) [...]
 - (g) [...]
 - (h) l-injam mejjet;

- (i) [...]
- (j) [...]
- (k) iż-żona ta' foresti primarji u antiki;
- (l) iż-żona ta' foresta protetta;
- (m) [...]
- (n) [...]

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiġbru data in situ flimkien ma', fejn xieraq, data mill-Osservazzjoni tad-Dinja, u data minn sorsi ta' informazzjoni rilevanti oħra. Il-ġbir ta' data fuq il-post għandu jkun ibbażat fuq network ta' siti ta' monitoraġġ, inkluż iżda mhux limitat għal dawk użati għall-Inventarji Nazzjonali tal-Foresti. Is-siti ta' monitoraġġ għandhom ikunu rappreżentattivi taż-żona forestali tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (a), u konsistenti magħha.
5. Meta jikkondividu l-informazzjoni dwar il-foresti elenkata fil-paragrafu 5 (3) f'konformità mal-frekwenza stipulata fl-Anness II, l-Istati Membri jistgħu jużaw:
- (a) l-aktar data reċenti disponibbli;
 - (b) stimi, inkluż previżjonijiet u medji mobbli, ibbażati fuq iċ-ċikli tal-inventarju nazzjonali tal-foresti;
 - (c) aġġornamenti annwali tad-data.

Artikolu 5a

Proċess ta' armonizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-armonizzazzjoni tad-data dwar il-foresti biex jipprovdu l-informazzjoni dwar il-foresti elenkata fl-Artikolu 5(3) f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness II.
2. L-Istati Membri jistgħu jfittxu assistenza mill-Kummissjoni jew minn strutturi u assoċjazzjonijiet ta' kooperazzjoni istituzzjonali eżistenti, inkluż dawk taħt Konvenzjonijiet reġjonali u fora u proċessi oħra rilevanti għall-foresti biex iwettqu l-armonizzazzjoni.
3. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li l-Kummissjoni twettaq l-armonizzazzjoni tal-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 5(3) skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness II. L-Istati Membri li jagħżlu din l-opzjoni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni d-data dwar il-foresti meħtieġa għall-istima tal-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 5(3), mill-inqas sena qabel ir-rapportar dwar l-informazzjoni dwar il-foresti kkonċernata.
4. Meta Stat Membru jagħżel l-opzjoni prevista fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tikkondividi l-informazzjoni limitata, sigura u armonizzata msemmija fl-Artikolu 5(3) f'konformità mal-Artikolu 7(3).
5. [...]

Artikolu 6

Nonparteċipazzjoni

[...]

Artikolu 7

Qafas għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-foresti

1. Sa [*OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], l-Istati Membri għandhom jikkondividu l-aħħar informazzjoni disponibbli dwar il-foresti msemmija fl-Artikolu 5(3) f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness II.
2. [...]
3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni li ġejja aċċessibbli għall-pubbliku fil-FISE:
 - (a) [...]
 - (b) l-informazzjoni kondiviża f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;
 - (c) [...]
 - (d) [...]
- 3a. Il-Kummissjoni għandha tagħmel aċċessibbli għall-pubbliku fil-FISE l-informazzjoni disponibbli dwar il-foresti, elenkata wkoll fl-Anness III(a) u rrapportata mill-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti ta' atti leġislattivi oħra tal-Unjoni relatati mal-foresti u sistemi ta' rapportar rilevanti oħra:
 - (a) iż-żona tal-ħabitats forestali fis-siti ta' Natura 2000;
 - (b) l-indiċi tal-għasafar komuni tal-foresti;
 - (c) il-bijomassa forestali għall-bijoenerġija;
 - (d) il-konnettività forestali;
 - (e) it-tnehhija;

- (f) iż-żona tal-foresta disponibbli għall-provvista tal-injam u foresta mhux disponibbli għall-provvista tal-injam;
- (fa) il-produzzjoni u l-kummerç tal-prodotti tal-injam;
- (fb) in-nirien forestali;
- (fc) is-sehem tal-foresti bi struttura ta' maturazzjoni mhux uniformi.

4. [...]

5. [...]

5a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format tal-iskambju tad-data previst mill-Artikolu 5a(3) u r-regoli u l-proċeduri għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-foresti skont dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

Artikolu 8

Il-kondiviżjoni tad-data dwar il-foresti

[...]

Artikolu 9

Sistemi kompatibbli ta' ħżin u skambju ta' informazzjoni dwar il-foresti

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiżviluppaw sistemi kompatibbli ta' ħżin u skambju ta' informazzjoni dwar il-foresti għall-ġbir u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-foresti taħt is-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti, bl-assistenza tal-istrutturi ta' kooperazzjoni istituzzjonali reġjonali eżistenti, inkluż dawk skont il-Konvenzjonijiet reġjonali u fora u proċessi oħra rilevanti għall-foresti, imsemmija fl-Artikolu 3(3).
2. [...]

Artikolu 10

Kontroll tal-kwalità tal-informazzjoni dwar il-foresti

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-kwalità u l-kompletezza tal-informazzjoni dwar il-foresti li jiġbru u jikkondividu fl-ambitu tas-sistema ta' monitoraġġ għall-foresti.
2. L-Istati Membri, bil-frekwenza tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Annessi, għandhom jivvalutaw il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-foresti li jikkondividu rispettivament f'konformità ma' dan ir-Regolament.
3. [...]
4. [...]

KAPITOLU 3

KOOPERAZZJONI INTEGRATA

Artikolu 11

Koordinazzjoni u kooperazzjoni

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoordinaw l-isforzi tagħhom u jikkooperaw biex itejbu l-kwalità, il-puntwalità u l-kopertura tal-informazzjoni dwar il-foresti.
2. [...]
3. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw bejniethom u jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom biex itejbu l-kwalità, il-puntwalità u l-kopertura tad-data dwar il-foresti.
4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jfittxu l-assistenza ta' strutturi ta' kooperazzjoni istituzzjonali reġjonali u korpi internazzjonali eżistenti u jużawhom, inkluż dawk taħt Konvenzjonijiet reġjonali u fora dwar il-foresti Ewropej oħra u proċessi rilevanti għall-inventarji u l-monitoraġġ tal-foresti.

Artikolu 12
Korrispondenti nazzjonali

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar korrispondent nazzjonali wieħed jew aktar u għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'dan.
2. Il-korrispondenti nazzjonali għandhom, b'mod partikolari, iwettqu l-kompiti li ġejjin:
 - (a) jikkoordinaw it-tnejn tal-informazzjoni dwar il-foresti li għandha tiġi kondiviża skont dan ir-Regolament, filwaqt li jqisu l-awtoritajiet kompetenti kollha;
 - (b) jikkoordinaw l-attendenza ta' esperti rilevanti dwar l-informazzjoni dwar il-foresti u l-monitoraġġ tal-foresti fil-laqgħat tal-gruppi ta' esperti organizzati mill-Kummissjoni u korpi rilevanti oħra biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.
3. [...]

Artikolu 13
Pjanijiet fit-tul integrati volontarji

[...]

KAPITOLU 4

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 14

Eżerċizzju tad-delega

[...]

Artikolu 15

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 16

Rieżami

1. Dan ir-Regolament għandu jinżamm taħt rieżami fl-aspetti kollha, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi rilevanti li jikkonċernaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni, l-oqfsa internazzjonali, il-progress teknoloġiku u xjentifiku, il-ħtiġijiet ta' monitoraġġ addizzjonali u l-kwalità tal-informazzjoni kondiviża skont dan ir-Regolament. Mhux aktar tard minn [5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni tal-impatt akkumpanjata, jekk xieraq, minn proposta leġislattiva biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex jinkludi r-reġjuni ultraperiferiċi u tadatta l-lista ta' informazzjoni dwar il-foresti skont dan.

2. Sa [*OP jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNES I

LISTA TA' DATA DWAR IL-FORESTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5(2) U L-
ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TAGĦHA

[...]

ANNEX II

LISTA TA' DATA DWAR IL-FORESTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5(3) U L- ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TAGĦHA

(a) Żona forestali

Deskrizzjoni: żona tal-foresti.

Riżoluzzjoni spazjali: nazzjonali u NUTS2.

Unità: ħa.

Akkuratezza: intervall ta' kunfidenza jew żball standard, kif applikabbli.

Frekwenza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni: annwali.

(aa) Tip ta' foresta

Deskrizzjoni: żona tal-foresti skont it-tip ta' werqa dominanti (werqa wiesgħa, jew konifera, jew imħallta). Foresta mħallta tfisser li la l-koniferi u lanqas il-weraq wiesa' ma jaqbu 75 % tal-kopertura tas-siġar.

Riżoluzzjoni spazjali: nazzjonali u NUTS2.

Unità: ħa.

Akkuratezza: intervall ta' kunfidenza jew żball standard, kif applikabbli.

Frekwenza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni: annwali.

(ab) Art imsagħgra oħra

Deskrizzjoni: żona ta' art imsagħgra oħra, li għandha tiġi pprovduta biss jekk iż-żona totali ta' art imsagħgra oħra tirrappreżenta aktar minn 5 % taż-żona totali magħmula minn foresti u artijiet imsagħgra oħra.

Riżoluzzjoni spazjali: nazzjonali u NUTS2.

Unità: ħa.

Akkuratezza: intervall ta' kunfidenza jew żball standard, kif applikabbli.

Frekwenza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni: annwali.

(ac) Bijomassa tal-wiċċ

Deskrizzjoni: Il-bijomassa niexfa kollha ta' siġar ħajjin 'il fuq mill-ħamrija inkluż iz-zkuk, il-ġdur, il-friegħi, il-qoxra tas-siġar, iż-żrieragħ u l-faxxina.

Riżoluzzjoni spazjali: nazzjonali u NUTS2.

Unità: t/ħa.

Akkuratezza: intervall ta' kunfidenza jew żball standard, kif applikabbli.

Frekwenza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni: annwali.

(b) Volum ta' injam wieqaf (għal kull ettaru)

Deskrizzjoni: Il-volum aggregat 'il fuq mill-art taz-zkuk ħajjin u weqfin kollha fuq żona forestali, kondiviż għal kull speċi ta' siġra. Inklużi hemm il-volumi taz-zkuk fuq il-qoxra tas-siġra — mill-ġholi tal-ġidra sa u inkluż il-parti ta' fuq taz-zokk — ta' zkuk ħajjin b'dijametru ta' aktar minn 7 cm fil-livell tas-sider (għoli ta' aktar minn 1,30 m). Għall-weraq wiesa', il-volum jinkludi wkoll friegħi kbar b'dijametru minimu ta' 7 cm.

Riżoluzzjoni spazjali: nazzjonali u NUTS2.

Unità: m³ ħa⁻¹.

Akkuratezza: intervall ta' kunfidenza jew żball standard, kif applikabbli.

Frekwenza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni: annwali.

(c) Żieda Annwali Netta (għal kull ettaru)

Deskrizzjoni: iż-żieda annwali grossa tnaqqas minnha t-telf naturali annwali medju, jiġifieri s-siġar li jmutu matul il-perjodu bejn żewġ sħarriġiet tas-sit ta' monitoraġġ fuq l-art u li jibqgħu mhux maħsuda fil-foresta, kondiviż għal kull speċi ta' siġra.

Iż-żieda annwali grossa hija ddefinita bħala ż-żieda annwali medja ta' siġar ħajjin u weqfin fuq iż-żona forestali matul il-perjodu bejn żewġ sħarriġiet tas-sit ta' monitoraġġ fuq l-art. Dan jiġi espress bħala żieda fil-volum u jinkludi l-komponenti tat-tkabbir ta' siġar b'dijametru ta' ≥ 7 cm fil-livell tas-sider. Iż-żieda fil-volum tinkludi ż-żieda fuq il-qoxra tas-siġra mill-ġholi tal-ġidra sad-dijametru ta' fuq ta' 7 cm, u għas-siġar tal-weraq wiesa' tinkludi wkoll ferġat kbar b'dijametru minimu ta' 7 cm.

Iż-żieda annwali netta tikkorrispondi għaż-żieda annwali grossa billi tirreferi għall-istess żona forestali speċifikata, għall-istess perjodu bejn żewġ sfharrigiet tas-sit ta' monitoraġġ fuq l-art, bl-użu tal-istess limiti u bl-inklużjoni tal-istess partijiet tas-siġar.

Riżoluzzjoni spazjali: nazzjonali u NUTS2.

Unità: $m^3 ħa^{-1} sena^{-1}$.

Akkuratezza: intervall ta' kunfidenza jew żball standard, kif applikabbli.

Frekwenza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni: 5 snin.

(d) [...]

(e) **Kompożizzjoni u rikkezza tal-ispeċijiet tas-siġar**

Deskrizzjoni: sehem taż-żona forestali okkupata bi speċi ta' siġar (jew livelli tassonomiċi aktar baxxi, fejn rilevanti).

Riżoluzzjoni spazjali: nazzjonali u NUTS2.

Unità: sehem taż-żona.

Akkuratezza: intervall ta' kunfidenza jew żball standard, kif applikabbli.

Frekwenza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni: 5 snin.

(f) **Tipi ta' Foresti Ewropej**

[...]

(g) **Tneħħija**

[...]

(h) Injam mejjet

Deskrizzjoni: il-volum ta' siġar mejta weqfin u mimduda u l-fdalijiet ta' injam mejjet, b'dijametru ta' 10 cm jew akbar, f'żona forestali. Il-volum ta' injam mejjet wieqaf u mimdud jinkludi l-ġdur.

Riżoluzzjoni spazjali: nazzjonali u NUTS 2.

Unità: m³ ħa⁻¹.

Akkuratezza: intervall ta' kunfidenza jew żball standard, kif applikabbli.

Frekwenza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni: annwali.

(i) Post tal-habitats forestali fis-siti ta' Natura 2000

[...]

(j) L-abbundanza ta' għasafar komuni tal-foresti

[...]

(k) Żona ta' foresti primarji u antiki

Deskrizzjoni: żona ta' foresti primarji u antiki, skont id-definizzjoni nazzjonali.

Riżoluzzjoni spazjali: nazzjonali u NUTS2.

Unità: ħa.

Skeda ta' żmien: Żona kondiviża sal-1 ta' Jannar 2030.

Akkuratezza: intervall ta' kunfidenza jew żball standard, kif applikabbli.

(l) Żona ta' foresta protetta

Deskrizzjoni: żona tal-foresti f'żoni protetti, b'mod konsistenti mar-rappurtar dwar żoni deżinjati fil-livell Nazzjonali lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, issupplimentata b'informazzjoni dwar il-livelli ta' protezzjoni tagħhom, inkluż protezzjoni stretta, u r-reġimi ta' ġestjoni assoċjati kif speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew f'dokumenti rilevanti oħra.

Riżoluzzjoni spazjali: nazzjonali u NUTS2.

Unità: ħa.

Skeda ta' żmien: [...]

Akkuratezza: intervall ta' kunfidenza jew żball standard, kif applikabbli.

Frekwenza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni: annwali.

(m) Produzzjoni u kummerċ ta' prodotti tal-injam

[...]

(n) Bijomassa forestali għall-bijoenerġija

[...]

ANNEX III

DESKRIZZJONIJIET GĦAD-DATA DWAR IL-FORESTI MSEMMIJA FL-
ARTIKOLU 8

[...]

ANNEX IIIa (ġdid)

DESKRIZZJONIJIET GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR IL-FORESTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7(3A)

(a) Żona ta' habitats forestali fis-siti ta' Natura 2000

Deskrizzjoni: iż-żona tal-habitats forestali kif elenkati fil-punt 9 tal-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE fi ħdan siti ta' importanza Komunitarja u ż-żoni speċjali ta' konservazzjoni deżinjati f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva.

(b) Indiċi tal-għasafar komuni tal-foresti

Deskrizzjoni: informazzjoni konformi mad-deskrizzjoni pprovduta fir-Regolament (UE) 2024/1991, l-Anness VI.

(c) Bijomassa forestali għall-bijoenerġija

Deskrizzjoni: informazzjoni dwar l-użu tal-bijomassa forestali għall-produzzjoni tal-enerġija konsistenti mar-rapportar f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Anness IX, il-Parti I, il-punt (m)(1).

(d) Konnettività forestali

Deskrizzjoni: informazzjoni konformi mad-deskrizzjoni pprovduta fir-Regolament (UE) 2024/1991, l-Anness VI.

(e) Tneħħija

Deskrizzjoni: informazzjoni konformi mad-deskrizzjoni pprovduta fir-Regolament (UE) 691/2011, l-Anness VII, it-Taqsima 3.

(f) Żona forestali disponibbli għall-provvista tal-injam u foresta mhux disponibbli għall-provvista tal-injam

Deskrizzjoni: informazzjoni konformi mad-deskrizzjoni pprovduta fir-Regolament (UE) 691/2011, l-Anness VII, Taqsima 3, il-paragrafu 1.

(g) Produzzjoni u kummerċ ta' prodotti tal-injam

Deskrizzjoni: informazzjoni dwar il-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam kif speċifikat fil-Kwestjonarju Konġunt dwar is-Settur Forestali u l-manwali ta' użu rilevanti.

(h) Nirien forestali

Deskrizzjoni: [...]

- (1) Informazzjoni pprovduta abbażi tal-prodotti tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien Forestali (EFFIS):
 - i. Avvenimenti ta' nirien; u
 - ii. Żona forestali maħruqa.
- (2) Informazzjoni konformi mad-data pprovduta mill-Istati Membri fil-qafas tal-Grupp ta' Esperti dwar in-Nirien Forestali.

(i) Is-sehem tal-foresti bi struttura ta' maturazzjoni mhux uniformi

Deskrizzjoni: informazzjoni konformi mad-deskrizzjoni pprovduta fir-Regolament (UE) 2024/1991, l-Anness VI.

ANNEX IV

ASPETTI RAKKOMANDATI GĦALL-PJANIJIET FIT-TUL INTEGRATI
VOLONTARJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 13

[...]
